Pulizija tat- Taqsima tal- Immigrazzjoni
Ajruport Internazzjonali ta' Malta
Gudja

Data: 27 ta' Ottubru, 2013
Post: L- ufficju tal Immigrazzjoni

Stqarrija ta' Norman Vella, ta' 36 sena , data tat- twelid 13 ta' Novembru, 1976 u residenti: [redacted] Triq [redacted] detentur tal- karta ta' l- Identita' [redacted]

Tel: [redacted]

Mobile: [redacted]

L- Ispettur M'Stella Attard

Norman Vella
I.D. : [redacted]

L- Ispettur Silvio Magro

Twissija moghtija mill- Ispettur M'Stella Attard fil- prezenza ta' PS764 Hubert Gerada u l- Ispettur Silvio Magro

" M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova"

" Ghandek ukoll id- dritt illi tikkonsulta m' avukat tal- ghazla tieghek qabel tigi nterrogat mill- Pulizija ".

Qed tigi nfurmat ukoll li ghandek id- dritt ghall- avukat jew prokuratur legali qabel din l- interrogazzjoni madanakollu, jekk ma tkun trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, il-Qorti jew il- Gudikant jistghu jaslu ghar-regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korroborattiva.

M. Tajnik id- dritt li tikkonsulta mal- avukat, tikkonferma dan kollu?
R. Iva u kellimt lil Dr. Karol Aquilina LL.D.

M. X' inhu x- xoghol tieghek?
R. Senior Clerk in the civil service acting as an Immigration Officer.

M. Llum kont xoghol u fejn?
R.Iva l- airport mis- 7:00AM sa 19:00 hrs. fid- departures.

M. Nghid sew li waqt li kont ghax- xoghol ghamilt uzu mill- mobile u l- i pad personali tieghek ?
R. Iva.

M. Jekk nghidlek illi int ghamilt uzu mill-'mobile' jew l 'i- pad' b' mod sabiex tiehu ritratti u tippublikahhom jew tghaddihom lil haddiehor, veru dan?
R. Le.

M. Nghid sew li waqt li kont xoghol innotajat lil Ms. Ramona Attard u Mr. Kurt Farrugia?
R. Hawnhekk irrid nghid illi dawn in- nies ghaddew il- passport lill- kollega tieghi u Mr. Kurt Farrugia kellimni u qalli l- kliem"All right ?". Wegibtu lura li jien ok u komplejt b' xogholi.

M. Dawn wehedhom kienu?
R. Ma nafx.

M. Int wahdek kont?
R. Jien kont mal- kollega tieghi [redacted]

M. Jekk nghidlek li ghamilt uzu mill- mobile u/jew l- I pad b' mod malintenzjonali, fis- sens illi int hadt xi ritratti lil dawn il- persuni li ghadni kif semmejt u ppublikajthom jew ghaddejthom fuq sit partikolari, xi tghid?
R. Nichad b' mod kategoreku u assolut.

M. Int hadt ritratti gewwa s- swali tat- tluq fejn kont int xoghol?
R. Le.

M. Tista' tghid x' hin kien ezatt meta rajt lil Ms. Ramona Attard u Mr. Kurt Farrugia?
R. Dan kien bejn il- hamsa u s- sitta ta' fl- ghaxija.

M. Trid izzid jew tnaqqas xi haga ohra minn dak kollu li ghidt?
R. Iva , illi waqt li kont qed naghmel dan l- istatement dahlet telefonata lill- Ispettur M'Stella Attard fil- prezenza ta' l- Ispettur Silvio Magro u PS764 liema telefonata twiegbet b'dan il- mod " Sivio Scerri min hu?" u " jien ma naghti informazzjoni lil hadd hlief lill- Kummissarju."
Jien ukoll qed nirrifjuta li l- mobile u tablet tieghi jigu mizmuma u nvestigati mhux fil- prezenza tieghi u dan ghax fihom ghandi l- hajja privata tieghi u hemm messaggi privati li jirrigwardaw il- familjari tieghi.
Niddikjara li jien qatt ma gejt muri r- ritratt li qed jigi allegat li gie ppublikat fuq xi sit ta' l- internet jew ahjar fuq is- sit ta'Daphne Caruana Galizia;
Niddikjara wkoll l- Ispettur M'Stella Attard infurmatni li din l- investigazzjoni qed issir ghax kien hemm persuna jew persuni li rawni niehu dawn ir- ritratti.
Niddikjara li malli wasal fuq il- post cioe' "Kabina 1", l- Ispettur Silvio Magro talabni l- mobile u tajtulu mal- ewwel. Niddikjara wkoll li quddiem l- Ispettur Silvio Magro fuq talba tieghu, jien urejtu r- ritratti kollha li ghandi gol- mobile inkluz tal- familjari tieghi.
Niddikjara wkoll li hadd minn shabi l- Immigration Officers ma gie mistoqsi mill- Pulzija jekk fil- hin ta' l- allegat reat rawniex niehu xi ritratti.
Niddikjara wkoll li peress illi l- investigaturi ma kellhomx f idejhom ir- ritratti li qed jigi allegat li hadt jien, ma setghux jinvestigaw jekk bil- mobile tieghi, mill- post fejn kont, stajtx niehu dan ir- ritratti.
Niddikjara wkoll li l- invesitigaturi nfurmawni li se jaraw is- CCTV footage fil-hin li allegatament sehh il-kaz u niddikjara wkoll li jista' jkun hemm CCTV footage tieghi u ta' kollegi tieghi bil- mobile f'idejna u li jekk hemm dan il-footage, dan se jsibni nuża l-mobile ghal uzu personali u mhux ghal tehid ta' ritratti.
Niddikjara wkoll li fil- bidu tal- interrogazzjoni gejt infurmat li se nkun sospiz mix- xoghol tieghi liema decizjoni giet mibdula fil- kors ta' interrogazzjoni .
Niddikjara wkoll illi waqt l- investigazzjoni gejt muri s-sit ta' Daphne Caruana Galizia u gejt muri ritratt fuq dan is- sit li kien datat f' Settembru, kif tistghu tikkonfermaw intom, u li fih kienu jidhru il- Prim Ministru Dr. Joseph Muscat, is- Sur Keith Schembri u s- Sur Kurt Farrugia. Dan ir-ritratt jidher li kien mehud f'post li mhux l-ajruport. Jien niddikjara li qatt f'hajti ma ltaqjt ma' dawn il- persuni f'daqqa, la fl-ajruport u lanqas banda ohra.

Nixtieq naghlaq billi naghmel rapport ufficjali biex jigu nvestigati l-persuni li ghamlu dan ir- rapport falz fuqi.

Din l- istqarija ghamiltha jien minn jheddi, minghajr weghdi, theddid jew promessi ta' xi vantaggi, hi l- verota' kollha u wara li giet moqrija lili nghid li l- kontenut taghha kollha hu koret u naghzel li niffirma .

L- Ispettur M'Stella Attard Norman Vella L- Ispettur Silvio Magri